**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2015 li saret nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015 fis-6 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Membri tal-Pubbliku Preżenti:**

Georg Schaffernicht – 65973 (A)

Saviour Zammit – 129142 (M)

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2014 ġew moqrija u approvati.

## 2. RAPPORT ANNWALI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku David Schembri beda r-rapport annwali tiegħu billi ta ħarsa lejn is-sena 2014 u qal li din kienet sena impenjattiva ħafna.

2.2 Spjega kif fil-qasam infrastrutturali għadna qegħdin nistennew sabiex nirranġaw żewġ partijiet minn Triq it-Tempesta (quddiem il-*bus shelters*) minħabba li għadu joqgħod l-ilma.

2.2.1 Qal li matul l-2014 saret ukoll parti minn Triq il-Bali Guarena u għaldaqstant issa din it-triq hija kollha bit-tarmak.

2.2.2 Żied li Misraħ il-Maqluba u Triq Ħaġar Qim issa huma lesti minn kollox u l-proġetti li saru fihom huma prattikament konklużi.

2.3 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li din iż-żona ingħatat spinta immedjata matul l-2014.

2.4 Tkellem ukoll dwar it-tindif li sar f'diversi żoni tal-lokal, b'mod speċjali fiż-żoni rurali, b'fondi mill-GAL Xlokk.

2.5 Qal li fadal ħafna xi jsir u l-ħsieb tal-Kunsill Lokali hu li matul l-2015 jibqgħu jsiru aktar proġetti ta' fejda għar-residenti u għal-lokalita' inġenerali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.6 Spjega kif wieħed mill-punti li qiegħed jiġi diskuss serjament huwa l-possibilita' li l-latrina pubblika ta' Wied iż-Żurrieq tinbena mill-ġdid.

2.7 Qal li hemm ukoll il-wegħda li matul l-2015 se jiġi rranġat il-moll tad-Dikkiena, liema proġett se jkun qiegħed jieħu ħsiebu l-Gvern Ċentrali u ġej jiswa madwar €65,000.

2.7.1 Żied li l-ħadid tad-Dikkiena se jkun qiegħed jinbidel.

2.8 Jidher ukoll li bejn il-'ponta' u l-'ponot' hemm bżonn li jiġi llixxat minħabba li fil-preżent huwa diffiċli ħafna sabiex timxi fuqu. Qal li s'issa hemm biss kliem fuq dan il-proġett u xejn fil-konkret, imma se nibqgħu naħdmu biex dan kollu jsir realta'.

2.9 Fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq se jkun qiegħed jiġi wkoll restawr it-Torri Xutu, restawr li beda minn Din l-Art Ħelwa.

2.10 Is-Sindku tkellem dwar il-ħsieb tal-Kunsill Lokali li parti minn Triq il-15 t'Awwissu tiġi mogħtija wiċċ tarmak ġdid, u għaldaqstant qegħdin naraw l-istimi u l-baġit tal-Kunsill Lokali għal din is-sena.

2.11 Qal li l-Kunsill Lokali għandu wkoll iħares lejn l-isqaqien fir-raħal (fiż-żona urbana), proġett li mhuwiex se jsir f'sena waħda, imma jieħu diversi snin.

2.12 Spjega kif hija wkoll xewqa tal-Kunsill Lokali li jiġu rranġati l-bandli, kemm dawk tal-Ġnien tal-Warda kif ukoll ta' Ġnien Nicolo' Communet.

2.12.1 Qal li mill-istima li għandu l-Kunsill Lokali jidher li dawn jiġu jiswew aktar minn €60,000.

2.13 Is-Sindku wiegħed li bħala Kunsill Lokali se nibqgħu naraw kif nistgħu nġibu aktar fondi mill-Unjoni Ewropea, u bħalissa għadu qiegħed jitfassal il-programm ta' fondi 2014-2020.

2.14 Tkellem ukoll dwar Triq il-Puniċi, proġett li suppost għandu jsir minn Transport Malta u għandna għalxiex nemmnu li dan il-proġett sabiex tinbena din it-triq, wasal biex jinbeda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.14.1 Qal li sa ċertu punt hija sorpriża kif s'issa din it-triq għadu ma bediex isir ix-xogħol fuqha.

2.14.2 Spjega kif ġaladarba titlesta' din it-triq, il-Kunsill Lokali jkun irid jieħu numru ta' deċiżjonijiet fuq l-immaniġġjar tat-traffiku, jekk issirx għamara tat-triq kif ukoll xi siġar li jikkumplimentaw dan il-proġett.

2.15 Is-Sindku tkellem ukoll dwar iċ-Ċimiterju tal-Ars u qal li matul l-2015 dan iċ-ċimiterju se jingħata spinta qawwija 'l quddiem sabiex jiġi rranġat u jkun lest mit-tisbiħ li hemm propost.

## 3. RAPPORT FINANZJARJU MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq ir-rapport finanzjarju fejn fih elenka kif tqassam il-baġit għas-sena 2015 u kif il-Kunsill Lokali mar fis-sena 2014.

3.2 Jekk nagħtu ħarsa lejn il-baġit tas-sena 2015 wieħed jista' jinnota li mill-allokazzjoni finanzjarja, l-Kunsill Lokali se jirċievi s-somma ta' €324,887. Barraminnhekk il-Kunsill Lokali qiegħed jipprevedi li jdaħħal ammonti oħra ta' flus kif ġej:

- **Permessi/Tenders/Avviżi u LES** - €8,000
- ***UIF Funds*** - €5,000
- **LES (10%)** - €1,000
- **Fondi mir-Reġjun tan-Nofsinhar** - €2,500
- **Skema Librerija** - €500
- **Skema Attivita' Kulturali** - €3,000
- ***Landfill Tipping Fees*** - €1,000

3.2.1 Dan kollu jammonta għal dħul addizzjonali ta' €21,000

3.3 Mill-previżjonijiet għas-sena 2015, jidher li l-Kunsill se jagħmel nefqa kif

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ġej:

- **Parki, Ġonna u *Soft Areas*** - €14,350
- **Manutenzjoni ta' Toroq** - €142,353
- **Immaniġjar tal-Iskart** - €31,000
- **Nefqa għall-Amministrazzjoni** - €97,199
- **Fond għall-Aġġustament** - €53,894
- ***Tipping Fees*** - €16,537

3.3.1 Dan kollu jammonta għal nefqa ta' €355,333

3.4 Għaldaqstant jidher li matul l-2015 il-Kunsill Lokali mistenni jdaħħal €345,887 u jonfoq €355,333. Dan ifisser li se jkun hemm żbilanċ ta' -€9,446.

3.5 Mill-previżjonijiet tal-Kunsill Lokali jidher ċar li l-akbar sors ta' ħruġ se jkun fuq tlett setturi importanti ħafna li huma: Manutenzjoni ta' Toroq, Immaniġjar tal-Iskart kif ukoll in-Nefqa għall-Amministrazzjoni.

3.5.1 i. Dwar il-ħruġ għall-Manutenzjoni ta' Toroq wieħed irid jifhem li matul l-2015 il-Kunsill Lokali se jkun qiegħed iħallas 10% mill-ispiża totali tal-*Public Private Partnership* biex ingħata wiċċ ġdid ta' tarmak fi Triq San Mattew (parti) u Triq Ħaġar Qim. Dan ifisser li bil-mod il-mod il-Kunsill Lokali se jibda jirkupra xi ftit mix-xokk finanzjarju li ħa minħabba din l-iskema. Għaldaqstant, matul din is-sena l-Kunsill Lokali jista' jevalwa l-possibilta' li jagħmel triq jew inkella parti minn triq fil-lokalita' billi jagħti wiċċ ta' tarmak ġdid.

3.5.2 ii. L-Immaniġġjar tal-Iskart huwa settur li l-Kunsill Lokali għandu ħafna għal qalbu u dan sabiex Il-Qrendi jkun wieħed mill-aqwa rħula ta' pajjiżna fejn jidħol l-immaniġġjar tal-iskart. Jidher li għalkemm il-Kunsill Lokali qiegħed jagħmel dak kollu possibbli sabiex ir-raħal ikun miżmum nadif ħafna, għad hemm nies li b'nuqqa ta' responsabilita' jaqbdu u jarmu l-iskart tagħhom jew maġenb l-iskips, inkella jarmu l-iskart goff maġenb il-*bring in sites.*

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.6 Għal sena oħra l-Kunsill Lokali jrid jonfoq b'kawtela u ħsieb speċjalment jekk ningħataw il-fondi u l-Kunsill jiddeċiedi li jibda l-proġett tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv ġdid.

## 4. SUĠĠERIMENTI U ILMENTI MILL-PUBBLIKU

4.1 Persuna mir-residenti preżenti staqsiet kif inhuma l-kontijiet li għandu l-Kunsill Lokali fil-banek lokali.

4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li l-kontijiet tal-Kunsill Lokali huma b'saħħithom u li jkun hemm snin fejn il-Kunsill Lokali jispiċċa bi żbilanċ huwa kollu frott ta' proġetti bħalma huma l-*Public Private Partnership.*

4.2 Tqajjem ukoll il-punt dwar l-iskart domestiku mormi barra, speċjalment fiż-żoni fejn hemm l-iskips.

4.2.1 Ġie mgħoddi suġġeriment li jibdew jingħataw iċ-ċitazzjonijiet għal min jinqabad jarmi barra, u li qabel tidħol din il-miżura għandha tintbagħat ittra f'kull dar.

4.2.2 Is-Sindku qal li fil-fatt dan il-punt diġa' beda jiġi diskuss fil-laqgħat tal-Kunsill Lokali u bħalissa l-Kunsill Lokali qiegħed jevalwa l-possibilta' li jneħħi l-iskips mil-lokalita'.

4.2.3 Żied li l-*Eco Wardens* jistgħu jagħtu biss ċitazzjoni jekk jaqbdu persuna fil-fatt li tkun qiegħda toħroġ l-iskart domestiku barra, f'ħin u post fejn mhux suppost jinħareġ.

**Il-Laqgħa tal-Lokalita' ntemmet fis-7 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata *sine die*.**

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **David Schembri**<br>**Sindku** |